# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**Rik. Ġur. 97/2020 RGM**

**Christoper Sammut**

**Vs**

**XWIEKI (works) Limited et.**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-attur tat-28 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu talab, għar-raġunijiet hemm mogħtija, li l-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu ċaħdet it-talba tal-attur sabiex jiġi ammess bħala xhud mhux dikjarat ċertu Elio Desira.

2. Rat ir-risposta tas-soċjeta' konvenuta Xwieki (Works) Limited tal-14 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed topponi r-rikors imsemmi.

3. Rat il-verbal tas-27 ta' Ottubru 2022 fejn jirriżulta li anke l-konvenuti l-oħra qed jopponu għall-produzzjoni ta' xhud mhux dikjrata.

4. Jirriżulta illi permezz ta' rikors tal-10 ta' Novembru 2022 l-attur kien talab il-produzzjoni bħala xhud ta' ċertu Elio Desira li fi proċeduri ġudizzjarji pendenti oħra quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kien xhed u ppreżenta rapport ex parte dwar ħsarat imġarba minn dgħajsa oħra fl-istess nirien mertu tal-kawża odjerna. B'digriet tat-22 ta' Novembru 2022 din il-Qorti kienet ċaħdet dik it-talba wara li l-Qorti ppremettiet li l-attur kien parti f'dawk il-proċeduri u li allura kien konsapevoli tar-rapport qabel ma ntavola l-kawża odjerna. Irriżulta illi tali premessa hija fattwalment skorretta għaliex għalkemm huwa minnu li Elio Desira ippreżenta r-rapport tiegħu fil-kawża l-oħra qabel ġiet intavolata l-kawża odjenra, l-attur odjern ma hux parti f'dawk il-proċeduri.

5. Jirriżulta għalhekk illi fid-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru 2022 il-konsiderazzjoni li għamlet il-Qorti għaċ-ċaħda tat-talba tal-attur għall-produzzjoni tax-xhud mhux dikjarat Elio Desira ma hiex fattwalment korretta. L-attur għalhekk qed jitlob ir-revoka contrario imperio tad-digriet tat-22 ta' Novembru 2022 u sabiex il-Qorti tgħaddi sabiex tilqa' t-talba tiegħu ħalli jressaq bħala xhud lil Elio Desira li ma kienx xhud dikjarat.

6. Is-soċjeta' konvenuta Xwieki (Works) Limited qed topponi għat-talba peress li tqis illi l-Qorti m'għandiex il-poter li tirrevoka *contrario imperio* digriet preċedenti tagħha fejn tkun ċaħdet talba għall-produzzjoni ta' xhud mhux dikjarat. Tissottometti s-soċjeta' konvenuta illi kwantu d-digriet li qed jintalab li jiġi revokat *contrario imperio* huwa regolat bl-**artikolu 229 (1) (d) tal-Kap. 12** fejn jingħad li digriet hemm kontemplat ma jistax jiġi kkontestat qabel ma tingħata s-sentenza definittiva, għandu jsegwi, dejjem skond is-soċjeta' konvenuta, illi **artikolu 230** mhux applikabbli għal digriet li jiċħad talba għall-produzzjoni ta' xhud mhux dikjarat. Il-konvenuti ivverbalizzaw l-opposizzjoni tagħhom fis-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2022 fejn issottomettew illi: "... fi kwalunkwe każ l-attur kien f'posizzjoni li jkun jaf bil-htiega tas-Sur Desira bhala xhud fil-jum li pprezenta l-kawza fil-31 ta' Jannar, 2020."

7. Jeħtieġ għalhekk li l-ewwel u qabel kollox jiġi deċiż ix-xorta ta' d-digriet li permezz tiegħu Qorti tiċħad talba għall-produzzjoni ta' xhud mhux dikjarat.

8. Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana illi hemm tlett kwalitajiet ta' digrieti: (i) dawk li permezz tagħhom tiġi deċiża kwistjoni ta' bejn partijiet fi proċess ġudizzjarju u għalhekk huma meqjusa digrieti definittivi li l-Qorti li tippronunzhom m'għandiex is-setgħa li titbiegħed minnhom;[1] (ii) id-digrieti interlokutorji, maħsuba sabiex il-Qorti tirregola l-andament tas-smiegħ tal-kawża li għandha quddiemha u li allura ma jiddeċiedu xejn mill-mertu tal-kawża bil-konsegwenza illi meta titressaq raġuni valida l-Qorti tista' titbiegħed minnhom;[2] u (iii) id-digrieti li la huma definittivi u lanqas interlokutorj u li għalhekk ma jistgħux jiġu revokati *contrario imperio e.g.* digriet li jiċħad talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju illi min-natura tiegħu la jtemm kontroversja ta' bejn il-partijiet u lanqas jirregola l-andament ta' kawża pendenti.

9. Fil-fehma tal-Qorti digriet li jiċħad talba għall-produzzjoni ta' xhud mhux dikjarat huwa digriet interlokutorju għaliex qed jirregola l-andament tas-smiegħ tal-kawża. Is-soċjeta' konvenuta tissottometti illi mhux mogħti lill-Qorti tikkonsidra mill-ġdid it-talba għall-produzzjoni ta' xhud mhux dikjarat una volta miċħuda. Tirreferi għall-**artikolu 229 (1) (d) (e) u (f) tal-Kap. 12** li jipprovdi illi:

> "(1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza,

[1] **Josef Gatt vs. Marisa Gatt** - Appell Superjuri - 8 ta' Mejju 2003 - "Biex digriet jinghad li huwa definittiv irid ikun tali li b'xi mod jidderimi ossia jtemm il-kontroversja bejn il-partijiet";
[2] **Onor Kap tal-Opposizzjoni l-Av. Adrian Delia vs. Onor. Prim Ministru Dr. Joseph Muscat et.** - Appell Superjuri - 29 ta' Marzu 2019 - "Illi l-Qorti tqis ukoll li l-provvediment appellat għandu min-natura ta' digriet interlokutorju maħsub biex jirregola t-tmexxija tal-kawża. Minħabba f'hekk, ma hemm xejn x'iżomm lill-Qorti li tatu milli, jekk 'il quddiem tinġabilha raġuni sewwa, tista' titbiegħed minnu billi provvedimenti bħal dawk ma jagħmlux ġudikat għall-Qorti li tkun tatu."

> u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:
>
> […]
>
> (d) digriet dwar jekk tintlaqax jew le oġġezzjoni għall-ammissjoni ta' xhud skont l-artikolu 567;
>
> (e) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex isiru mistoqsijiet lil xhud skont l-artikolu 587;
>
> (f) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġiebu dokumenti skont l-artikolu 637 ħlief jekk d-digriet ikun dwar jekk tintlaqax jew le talba biex jinġieb dokument li jkun dokument privileġġat skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637(4);

10. Is-soċjeta' konvenuta tislet l-argument illi una volta digrieti tax-xorta imsemmija fl-artikolu appena ċitat ma jistgħux jiġu appellati qabel is-sentenza finali u lanqas jistgħu jiġu kkontestati qabel is-sentenza finali, għandu jsegwi, skond is-soċjeta' konvenuta, illi lanqas ma jista' parti jitlob lill-Qorti titbiegħed minn tali digrieti, anke jekk tinġieb raġuni valida.

11. Fil-fehma tal-Qorti tali sottomissjoni ma hiex legalment fondata.

12. Stabbilit illi id-digriet tat-22 ta' Novembru 2022 huwa digriet interlokutorju japplika **Artikolu 230 tal-Kap. 12** li jipprovdi senza mezzi termini illi:

> Id-digrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-qorti, biex titbiegħed minnhom.

Dan l-artikolu appena ċitat ma jagħmilx distinzjoni bejn kategorija jew oħra ta' digrieti interlokutorji. Kieku l-leġislatur ried li dan l-artikolu ma jkunx

applikabbli għad-digrieti interlokutorji kollha kien jipprovdi fir-rigward. Għalhekk il-Qorti tqis illi Artikolu 230 tal-Kap. 12 japplika għad-digrieti interlokutorji kollha mingħajr ebda distinzjoni inkluż għal digriet fejn il-qorti tiċħad talba għall-produzzjoni ta' xhud mhux dikjarat.

13. Il-frażi "ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva" adoperata fl-Artikolu 229 (1) tal-Kap. 12 fuq ċitata ma tinnewtralizzax l-effetti tal-Artikolu 230 għaliex kontestazzjoni ma hiex ekwivalenti għal talba għal rikonsiderazzjoni. Parti ma tikkontestax deċiżżjoni quddiem l-istess qorti li tkun pronunzjatha iżda tikkontestaha jew permezz ta' appell jew permezz ta' proċedura appożita quddiem awtorita' ġudikanti oħra; iżda mhux quddiem l-istess ġudikant. Difatti t-titolu marġinali ta' artikolu 229 huwa "Appell minn digrieti". Appell ma jsirx quddiem l-istess qorti li tkun pronunzjat id-deċiżjoni kontestata.

14. Fejn si tratta ta' digrieti interlokutorji, għalkemm il-qorti ma tistax tirrevoka *contrario imperio* digriet interlokutorju b'mod kapriċċuż jew mingħajr raġuni oġġettivament valida, fl-istess ħin artikolu 230 jagħti lill-qorti diskrezzjoni wiesgħa dwar meta tista' titbiegħed minn digriet interlokutorju preċedentement mogħti. Kull ma jipprovdi artikolu 230 huwa li l-qorti għandha l-poter tieħu tali azzjoni jekk "tinġieb raġuni sewwa". Xejn aktar ma hu provdut u huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti dwar il-proċedura li għandha ssegwi f'każijiet fejn jirriżultaw l-estremi sabiex titbiegħed minn digrieti interlokutorji minnha stess mogħtija.

15. Kif rajna, il-motivazzjoni mogħtija mill-Qorti fid-digriet tat-22 ta' Novembru 2022 irriżulta li hija fattwalment skorretta peress li kuntrarjament għal dak hemm premess, ma hux minnu li l-attur huwa parti fiż-żewġ kawżi l-oħra pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn Elio Desira ppreżenta r-rapport tiegħu qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna.

16. Il-Qorti tqis illi tali premessa fattwalment żbaljata hija "raġuni sewwa" sabiex titbiegħed mid-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru 2022.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors tal-attur tat-28 ta' Novembru, 2022 billi,

1. Tiddikjara illi tirriżulta raġuni sewwa sabiex titbiegħed mid-digriet tagħha tat-22 ta' Novembru, 2022 fuq imsemmi;

2. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tat-22 ta' Novembrui 2022.

3. Tirriżerva li tipprovdi ulterjorment dwar ir-rikors tal-attur tal-10 ta' Novembru 2022 wara li tisma' lill-avukati tal-partijiet fis-seduta li jmiss tal-25 ta' Jannar, 2023 fil-11.45 a.m.

**Mogħti kameralment illum 10 ta' Jannar, 2023.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

KOMUNIKA: Avukati tal-partijiet